MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Numru 390/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**

v

**TONIO CIANTAR**
**PHILIP CIANTAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **TONIO CIANTAR** bin Anthony u Josephine nee Galea, imwieled H'Attard nhar l-hamsa ta' Novembru 1969 u residenti 309, 'Savana', Triq Taht l-Irdum, limiti tal-Mellieha, detentur tal-karta tal-identita numru 469269M u **PHILIP CIANTAR** bin Anthony u Josephine nee Galea, imwieled H'Attard nhar l-hmistax ta' Marzu 1971 u residenti 'Regent', Flat 9, Triq Manoel Pinto, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 206271M gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Bhala Diretturi tal-kumpanija Nicholsons The Supermarket Limited, f'dawn il-Gzejjer fil-hamsa ta' Frar 2002 u fi zminijiet ta' qabel, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnhom fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala l-persuni li jkellhom f'idejhom l-kontroll tal-fond bl-isem 'Nicholsons The Supermarket' sitwat fi Triq l-Linja, H'Attard, b'mezzi qarrieqa kkommettew serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li l-elf lira maltin;

2. Talli fl-istess lok u perjodu ta' zmien ghamlu hsara fil-makkinarju u/jew fil-gumni tal-elettriku;

3. Talli ghamlu hsara jew gharrqu xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigill tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew s-sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lil imputati jhallsu ghal perizja peritali rigwardanti l-imsemmi kaz ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2005 esibiti fl-atti a fol 247.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar s-sittax ta' Novembru 2005 [fol 253].

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod volunatarju u dan fis-seduta tas-sittax ta' Novembru 2005.

Rat n-noti ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni w tad-Difiza [fol 271 et seq].

Rat l-process verbal reattiv redatt mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi esibit a fol 123 tal-atti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 xehed **l-Ispettur Dennis Theuma** [fol 168] fejn ikkonferma r-rapport tieghu esibit fl-atti tal-inkjesta relattiva.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 xehed **Hugh Camilleri** [fol 170] fejn qal li hu kien gie nominat nhar l-hamsa ta' Frar 2002 mill-Magistrat Inkwerenti Dottor Antonio Mizzi bhala perit tekniku dwar meter allegatament misjub imbaghbas fil-fond bl-isem 'Nicholsons The Supermarket' w ikkonferma r-relazzjoni tieghu hemm inserita mmarkata bhala dokument HC.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 xehed **Ian Vella** [fol 172] fejn qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta. Ix-xhud esibixxa *breakdown of estimate* ghal perjodu ta' bejn t-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2000 u l-hamsa ta' Frar 2002 rigwardanti meter registrat f'isem Tonio Ciantar tal-fond bl-isem 'Nicholsons The Supermarket' f'H'Attard li gie mmarkat bhala dokument N [fol 174]. Qal li fil-fatt t-*total loss* jammonta ghal tmint elef sebgha mija sebgha w tmenin lira tmienja w tletin centezmu u disgha millezmi.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 xehed **Mario Cassar** [fol 175] fejn ikkonferma li hu kien ghamel spezzjoni fil-fond 'Nicholsons The Supermarket' sitwat fi Triq l-Linja, H'Attard, nhar l-hamsa ta' Frar 2002 u dan ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija u mieghu kien hemm l-Ispettur Dennis Theuma. Qal li meta mar fuq il-post hemmhekk kien hemm Douglas Grima bhala *manager* u l-ispezzjoni saret fil-presenza tieghu.

Qal li l-meter in kwistjoni kien igib in-numru 68697298 u kien tal-marka Landes and Gear u kien jaqra 808777 *units*. Qal li nnota li dan l-meter kien jinsab go *cupboard* u cioe go *meter cubicle*, li kellu zewg bibien. Qal li waqt l-

ispezzjoni rrizulta li minn erbgha sigilli ma kien hemm xejn. Qal li l-*base cover* tieghu kellu wkoll zewg sigilli mabghbsin.

Qal li fil-presenza ta' Hugh Camilleri u wiehed mid-diretturi Colin Ciantar, sabu li kien hemm wire fuq il-*blue phase*, il-*current transformer* kien imbaghbas u b'hekk kien hemm *loss* ta' 33%. Qal li l-kurrent xorta ghadda minn tlieta pero ma bediex jimmarka fuq *circuit* wiehed minnhom w ghalhekk kien hemm dak l-ammont ta' *loss*.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2004 xehed **Harry Buttigieg** [fol 177] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Senior Distribution Tradesman mal-Korporazzjoni Enemalta. Ftakar li kien ghamel spezzjoni ma impjegat iehor tal-istess korporazzjoni, certu Mario Cassar fil-fond 'Nicholsons The Supermarket' sitwat fi Triq l-Linja, H'Attard fejn hemmhekk sab *cubicle* bis-sigilli neqsin mill-meter kif wkoll li l-*current transformer* kien wkoll miftuh u kien qed jimmarka 33% *losses*. Qal li waqt din l-ispezzjoni kien hemm presenti Colin Ciantar.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Gunju 2005 xehed **PS 201 Sandro Magro** [fol 236] fejn esibixxa l-okkorrenza relattiva mehuda minnu rigwardanti l-kaz in dezamina li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 238].

Illi nhar l-ghoxrin ta' Gunju 2005 xehed **John Vella** [fol 240] fejn qal li huwa jahdem bhala *foreman* mal-Korporazzjoni Enemalta. Qal li waqt spezzjoni li haddiema tieghu u cioe Mario Cassar u Harry Buttigieg, kienu qed jghamlu fil-fond 'Nicholsons The Supermarket' sitwat fi Triq l-Linja, H'Attard innutaw li kien hemm affarijiet mhux sew fil-meter installat fl-imsemmi fond w ghalhekk hu mar fuq il-post fejn sab li kien diga wasal l-espert mahtur mill-Qorti, Hugh Camilleri. Qal li l-meter in kwistjoni kellu *connection* li ma kienx qed jghaddi dawl u meta din il-*connection* giet maqlugha fil-presenza tal-espert tal-Qorti, instab li kienet maqtugha sabiex l-konsum tal-elettriku ma jigix registrat, minn xi hadd li mhux impjegat tal-Korporazzjoni Enemalta.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Gunju 2005 xehed **Douglas Grima** [fol 242] fejn qal li hu assistant manager fil-fond ‘Nicholsons The Supermarket’ sitwat fi Triq l-Linja, H’Attard. Qal li dakinhar li saret l-ispezzjoni in kwistjoni hu kien *in charge* pero mieghu kien hemm wkoll l-imputat Philip Ciantar u fil-fatt kien diga fuq il-post meta waslu l-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta. Qal li hu kien qed jiehu hsieb n-nies li jidhlu, il-*purchases* tal-*goods* u tluq u ftuh. Qal li fil-kamra fejn jinzamm il-meter in kwistjoni hu kien jidhol biss meta jinqata d-dawl ghaliex dan kien maghluq. Qal li din kienet kamra li kienu juzaw biss jekk d-dawl inqata u fiha kien jidhol kulhadd u cioe kull min ikollu bzonn jiccekkja meta kien imur d-dawl. Qal li hu kien icempel lil Philip Ciantar meta kien ikun hemm bzonn xi manutenzjoni f’din il-kamra. Qal li kien ilu jahdem fl-imsemmi *supermarket* sebgha xhur qabel l-ispezzjoni u li l-meter kien diga stallat meta mar jahdem hemmhekk.

Illi nhar s-sittax ta’ Novembru 2005 xehed **l-imputat Philip Ciantar** [fol 254] minn jeddu b’mod voluntarju fejn qal li dakinhar li saret l-ispezzjoni minn membri tal-Korporazzjoni Enemalta, kien hemm Douglas Grima responsabbli mill-fond ‘Nicholsons The Supermarket’ sitwat fi Triq l-Linja, H’Attard. Qal li dawn kienu marru biex ibiddlu l-meter u li fl-istabbiliment l-iehor taghhom ta’ Tas Sliema kien hemm rappresentanti tal-istess korporazzjoni jaghmlu spezzjoni u ghalhekk ma kienx f’posizzjoni li jmur H’Attard mill-ewwel. Qal li meta mar H’Attard, l-impjegati tal-Korporazzjoni qalulu li l-kaxxa fejn kien hemm maghluq l-arlogg tad-dawl kienet minghajr sigill. Qal li hu ma setghax jghid c-cirkostanzi x’kien ghaliex meta wasal hu l-kaxxa kienet gia miftuha u ma kienx presenti waqt l-ftuh taghha, pero kien hemm l-*manager* tieghu presenti. Qal li meta nfetah l-meter, l-*manager* tieghu ma kienx presenti. Qal li minn kien imur, kien jghajjat lil *manager on duty* sabiex jinqara d-dawl. Qal li l-meter jinzamm f’*cabinet* tal-hadid u jinqara r-*reading* minnha. Zied jghid li l-cabinets kollha li huma ghandhom huma kollha bla sigilli. Qal li qatt ma kien hemm xi hadd li gibdilhom l-attenzjoni ghal fatt li l-*cabinet* hu minghajr sigill. Qal li l-arlogg kellu sigilli li kienu ghadhom hemmhekk meta wasal hu. Qal li hu ghamel

rendikont bejn il-perjodu ta’ bejn t-tnejn w ghoxrin ta’ Lulju 2000 u l-hmistax ta’ Gunju 2003 li esibixxa bhala dokument CP [fol 259]. Qal li kull ma jirrizulta huwa avarija stagjonali peress li fis-sajf jitla ftit aktar minhabba *air conditioners* u *frezzers* li jahdmu aktar. Qal li hu hejja dan d-dokument peress li kien gie nfurmat mill-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta li l-meter kien qed jikkalkola wiehed minn tlieta inqas mis-suppost konsum. Qal li fl-ezercizzju li esibixxa ghamel referenza ghal kontijiet mahruga mill-Korporazzjoni Enemalta.

Qal li hu jokkupa l-kariga ta’ *operations manager* u li lanqas ma kien jaf fejn kien il-meter in kwistjoni, ghaliex hu ma jwahhalx meters, kienu tal-Enemalta li wahhlu l-meter. Qal li jekk kien hemm xi twahhil hazin f’dan il-meter, huma l-impjegati tal-Korporazzjoni li huma responsabbli. Qal li Douglas Grima kien impjegat maghhom qabel ma dahal hu u li l-access ghal meter in kwistjoni kien wiehed liberu.

Illi nhar s-sittax ta’ Novembru 2005 xehed **l-imputat Philip Ciantar** [fol 254] minn jeddu b’mod voluntarju fejn qal li hu qatt ma mess l-arlogg tad-dawl u qatt ma kien jaf bih lanqas. Qal li l-kontijiet, fil-valur taghhom baqghu l-istess kemm qabel kif wkoll wara li saret l-ispezzjoni ghal gharrieda w inbidel l-meter.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tar-relazzjoni esebita mill-espert nominat mill-Qorti jirrizulta li l-imputati huma d-Diretturi tas-socjeta Nicholsons The Supermarket u li fil-perjodu tal-allegat reat, l-fond Nicholsons Supermarket f’H’Attard, kien mikri lil din l-istess socjeta.

**Kostatazzjonijiet Legali**

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent

elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputati fuqhom. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni msemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Proprjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputati jkunu d-detenturi jew il-persuni li jkollhom f'idejhom l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputati li allura jkollhom jippruvaw huma li ma kienux jafu jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti.
Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha in-nota tal-Prosekuzzjoni esibita fl-atti nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 [fol 269] fejn il-Prosekuzzjoni qed issostni li mill-provi migbura u cioe mix-xhieda ta’ Mario Cassar, Harry Buttigieg u l-kostatazzjonijiet li saru mill-espert tekniku Hugh Camilleri, johrog bl-aktar mod car l-fatt li xi hadd nehha s-sigilli *blue* tal-*cover* ta’ barra tal-meter in kwistjoni u dan biex b’hekk dik l-istess persuna jew persuni jkunu jistghu jinnewtralizzaw wahda mit-*three phases* tal-meter in kwistjoni halli b’hekk il-meter jirregistra kurrent ta’ elettriku ferm inqas minn dak regolarment uzat fil-fondi kummercjali.

Il-Qorti ezaminat wkoll n-nota tad-difiza ppresentata fl-atti nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 u thoss li

ghandha taghmel referenza ghal xi punti hemm sollevati minnha, sollevati bil-ghan li tinvertja l-provi minn fuqha.

Id-difiza tirrileva li l-kontijiet rispettivi ghal perjodu ta’ qabel l-hamsa ta’ Frar 2002 u ghal perjodu ta’ wara l-hamsa ta’ Frar 2002, il-konsum baqa relattivament l-istess ghaliex ma kien hemm ebda spluzjoni wara li l-Korporazzjoni interveniet u biddlet il-meter allegatament imbaghbas skond l-Korporazzjoni Enemalta li ma kienx qed jirregistra l-konsum b’mod regolari.
In oltre, d-difiza ssostni li l-Korporazzjoni Enemalta dejjem baghtet *meter reader* biex jiehu r-*readings* ghaliex mill-kontijiet esibiti jirrizulta li kien hemm ***actual readings*** w ghalhekk huwa invero simili li kieku l-meter kellu dawn l-irregolaritajiet kollha, ma kienx ikun hemm xi *meter reader* li kien iqajjem din il-kwistjoni. Infatti din l-ispezzjoni saret ghal gharrieda.

Il-Qorti hija wkoll rinfaccjata bic-cahda totali tal-imputati dwar partecipazzjoni f’dawn r-reati u ghalhekk in vista tas-suespost u dak li qalu l-istess imputati kemm fl-istqarija taghhom kif wkoll viva voce l-Qorti, irnexxilhom jghelbu l-presunzjoni kontra taghhom fuq riferita bhala *registered consumers* u ghalhekk qeghdha taccetta dak li huma qalu.

**Illi ghalhekk minhabba dawn r-ragunijiet, il-Qorti tara li l-imputazzjonijiet ma gewx sufficjentement ippruvati kontra l-imputati TONIO CIANTAR u PHILIP CIANTAR skond l-ligi, ma ssibhomx hatja taghhom u kwindi qed tilliberhom minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------